A.L. 82 ta' l-1980

ORDINANZA TA' L-1959 DWAR SELF LOKALI ('STOCK' U TITOLI REĠISTRATI) BDIL TA' 'STOCK'

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu għall-Bdil ta' £M500,000 5½% *Stock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1979-80

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 31 (a) ta' l-Ordinanza ta' l-1959 dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati) il-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu ddikjara li l-£M500,000 5½% *Stock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1979-80 li għandu jitħallas lura fit-30 ta' Ottubru, 1980 jista' jinbidel fi *stock* reġistrat li joħroġ skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza.

Skond l-artikoli 31 (b) u 32 ta' l-imsemmija Ordinanza l-Ministru awtorizza wkoll li, għall-bdil ta' £M500,000 5½% *Stock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1979-80 għandu jiġi maħluq u maħruġ *Stock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1985(II) bil-5½% kif ġej:

1. L-*istock* jiġi maħruġ bil-prezz ta' £M100 fil-mija u jingħata fuq applikazzjoni. Meta jitħallas għal kollox l-*istock* jiġi reġistrat. Applikazzjonijiet għall-għoti ta' l-*istock* għal dawk li diġà għandhom 5½% *Stock* Lokali Reġistrat (Bdil) għall-Iżvilupp 1979-80 jifthu fid-9 ta' filgħodu, it-Tnejn, is-6 ta' Ottubru, 1980 u jagħlqu f'nofs in-nhar l-istess jum, jew qabel jekk l-*stock* jittieħed kollu, fid-diskrezzjoni ta' l-*Accountant General*. Mod tal-ħruġ ta' l-*istock*.

2. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-*istock* tkun ta' £M500,000. Somma ta' flus li għandha tingħabar.

3. L-imgħax għandu jitħallas b'lura kull sitt xhur fit-30 ta' April u fil-31 ta' Ottubru ta' kull sena matul il-kors ta' l-*istock*. L-ewwel ħlas ta' £M2.75,0 kull £M100 *stock* relattivament għall-perijodu bejn il-31 ta' Ottubru 1980 u t-30 ta' April 1981 għandu jsir fit-30 ta' April 1981. Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

4. Approprjazzjoni kull sitt xhur ta' mhux inqas minn £M11,500 mid-dħul ġenerali u mill-attiv tal-Gvern ta' Malta għandha ssir bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament sabiex jifdi l-*istock*. L-ewwel kontribuzzjoni għandha ssir fi żmien sena mill-31 ta' Ottubru 1980. Rata ta' kontribuzzjoni għall-fond ta' ammortizzament.

5. L-*istock* għandu jiġi mifdi b'parità f'dik id-data bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru, 1985 (iż-żewġ dati magħdudin), kif jiġi stabbilit mill-*Accountant General* u avżat fil-Gazzetta. L-*istock* jiġi mifdi biss mal-konsenja taċ-ċertifikat ta' l-*istock* maħruġ. Fidwa ta' *stock*.

6. L-imgħax kollu li jitħallas fuq dan l-*istock* għandu jkun eżenti mit-taxxa tal-boll. **Eżenzjoni mit-taxxa tal-boll.**